## ~~"DIN HI T-TREJQA TIEGħEK"~~

~~*Nisma' bħal leħen jidwi ġewwa fija*~~
~~*Li ma jaf b'xejn, la serħ, la tmiem, la waqfa,*~~
~~*Li jimxi wrajja jgħix u jikber miegħi,*~~
~~*Mistrieħ ma jħallilix, jissokta jsuqni,*~~
~~*Lejn il-ġejjieni tiegħi, qalil tassew,*~~
~~*Imma ħanin dal-leħen moħbi minni.*~~
~~*"Din hija t-triq", bu jgħid, "jaħtieġ timxiha"*~~
~~*"It-triq tal-kitba, triq il-poeżija."*~~
~~*Jiena ma nafx, 'ma nħoss li għandi nikteb,*~~
~~*Ġrajjiet insawwar, ferħanin u mnikkta,*~~
~~*"Din hija triqtek", bekk sejjer dak il-leħen,*~~
~~*Li jimxi wrajja, donnu xi dell tiegħi,*~~
~~*Bla sabar, bla mistrieħ lili jħallini,*~~
~~*B'leħen imqit li fih tinsab l-imħabba,*~~
~~*Jamarli bekk "Ġovann, lid-dinja ħalli,*~~
~~*U imxi miegħi fl-art tal-hniena, l-ħlewwa.*~~
~~*Din hija t-trejqa; jien nurik fejn timxi*~~
~~*U jiena nimxi wrajh, triqti ġà bdejtha;*~~
~~*Jien lilha ntemmha, meta r-rieq tal-ħajja*~~
~~*Jintefa minni w jiena nsir ftit trab!*~~

~~ĠOV. L. BONNICI~~

## IL-JUM TAT-TIEĠ

*Dalgħodu sebħet xemx bajdana ssaħħrek,*
*U int ġa bdejt tofroq triqtek imwarrda,*
*Il-jum sabiħ bi ġmielu qed ifaħħrek,*
*U miegħek liż-żagħżugħ imżejjen b'warda*
*Fil-pavru, b'libsa sewda, b'ċoff bajdani,*
*Li qabad triqtu lejn il-knisja mtarrġa*
*Qed jistenniek b'wiċċu ferħan, daħkani,*
*Li tagħmel minn dar ommok l-aħħar ħarġa.*
*U inti ħriġt, u f'idek bukkett ward*
*Bajdani kellek, bħall-ilbies twil ta' fuqek,*
*U li trid lilu quddiem xbud xandart,*
*Fejn hu tul ħajtek miegħu ser isuqek.*
*Issa għandek lilu, m'intix aktar t'ommok,*
*F'kull għawġ li jiġi, għandek lilu jżommok.*

ĠOV. L. BONNICI